IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

(2016/C 338/04)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni tal-persuni elenkati fl-Annessi II u IV tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 [1] u fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 [2] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.

Il-Kunsill biħsiebu jemenda d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għas-Sur Agila SALEH ISSA GWAIDER, is-Sur Khalifa GHWELL u s-Sur Nuri ABU, persuni elenkati fl-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 u fl-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44.

Il-persuni kkonċernati huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet maħsuba, qabel l-**20 ta' Settembru 2016**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
DG C 1C
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

---

[1] ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34.
[2] ĠU L 12, 19.1.2016, p. 1.